Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Geoffrey Azzopardi)

(Spettur Sandro Zarb)

vs

Abdusalam Mohamed Sawed

Illum 13 ta’ Awissu, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-pulizija kontra l-imputat fuq imsemmi Abdusalam Mohamed Sawed, ta’ nazzjonalita Libjana, iben Mohamed u Fatma Aziz u detentur ta’ passaport numru 992927 talli f’dawn l-ahhar xhur f’dawn il-gzejjer iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra li qeghdin

sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw fl-isem tal-Gvern jew tal-Awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' propjeta pubblika, jew li jkunu qeghdin taht il-kustodja pubblika jew xjentament ghamel uzu minn dawn is-sigilli, timbri jew marki, ukoll jekk dan sar bl-uzu falz tal-ghodda vera bi ksur tal-Artikoli 172 u 176 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli matul l-istess zmien iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih, bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap  61 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli matul l-istess zmien, minghajr ma inghata permess ta' residenza, nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli ikkometta l-istess reati li huma suggetti ghal piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn 'ai termini' tal-Artikolu 28 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta imposta fuqu mill-

Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-8 ta' Jannar, 2001, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-Ligi tiddikjara lill-imsemmi Abdusalam Mohamed Sawed bhala immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta' tnehhija fil-konfront tieghu 'ai termini' tal-Artikoli 14 u 15 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni;

Issibu hati u dan wara illi rat l-Artikoli 28, 172 u 176 tal-Kap 9; 5 tal-Kap. 61; 5, 12, 14, 15, 16 u 19 tal-Kap. 217;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni, ikkollabora mal-pulizija illi baghbas biss il-passaport tieghu;

Il-Qorti tiddikjara illi piena karcerarja ma tkunx idonea f'dan il-kaz u ghalhekk qeghda testendi il-perijodu ta' prigunerija sospiza fis-sentenza imsemmija ta' din il-Qorti tat-8 ta' Jannar, 2001 ghal erba' snin ohra li jibdew ighaddu millum;

Il-Qorti tiddikjara illi spjegat lill-hati bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' prigunerija sospiza. Il-Qorti tiddikjara lill-hati bhala immigrant ipprojbit u tordna t-tkeccija tieghu minn dawn il-gzejjer.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur